# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 6 ta' Diċembru, 2023**

**Numru 2**

**Rikors Numru 552/23/1TA**

**Ludwig Dimech (K.I. 135683M)**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija,**

**L-Avukat tal-Istat u**

**L-Avukat Generali u**

**b'digriet tal-24 ta' Novembru 2023 ġew intervenuti fil-kawża Nicholas Spiteri, is-soċjeta' MCZMC Developers Limited, Charles Pace, Ivana Portelli, Matthew Pace, Charles Pace u Josephine Pace.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Ludwig Dimech (ir-rikorrent) tas-6 ta' Novembru 2023.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija tal-10 ta' Novembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li r-rikors tħalla llum għas-sentenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Dan huwa rikors biex ir-rikorrent jottjeni l-ħruġ ta' ordni ad interim li permezz tiegħu qed tintalab is-sospensjoni ta' digriet datat l-1 ta' Marzu 2023 mogħti mill-Qorti Kriminali fl-atti tal-proċedura Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ludwig Dimech et**.

Rat li llum stess ingħatat Sentenza minn din il-Qorti fl-istess ismijiet li permezz tagħha varjat l-imsemmi digriet.

Ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li ma hux il-każ li tkompli titratta u tisma' dan ir-rikors fid-dawl ta' dak li provdiet din il-Qorti fis-Sentenza tagħha msemmija għaliex biha, il-mertu ta' din il-proċedura issa huwa eżawrit.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tastjeni milli tkompli tisma' u tittratta l-proċedura odjerna.

Spejjeż ta' dan ir-rikors jibqgħu mingħajr taxxa.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**